MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 49/2004/1

**Joseph Grech, Carmel V. Abela, Gaetano Abela, Joseph Abela, Joseph Abela, Joseph Abela, Edward Agius, Paul Agius, Walter Ahar, Pacifico Anastasi, Saviour Anastasi, Dominic Aquilina, Philip Aquilina, John Attard, Joseph Attard, Philip Attard, Victor Attard, Anthony Azzopardi, Carmel Azzopardi, Carmel Azzopardi, Saviour Bajada, Joe Balzan, Ludovigo Balzan, Robert Banavage, Jospeh Barbara, Alfred Bartolo, Andrea Bartolo, Costantino Bezzina, Anthony Bilocca, Edward Bond, Francis Bondin, Alfred Borg, Carmel Borg, Joseph Borg, Joseph Borg, Joseph Borg, Philip Borg Cardona, Benjamin Brancaleone, Anthony Briffa, Joseph Briffa,  Julian Briffa, George Brincat, Saviour Brincat, Sidney Brown, Alexander**

**Bugeja, Charles Bugeja, Ronnie Bugeja, Joseph Buhagiar, Joe Busuttil, Joseph Busuttil, Lawrence Busuttil, Anthony Buttigieg, Arthur Buttigieg, Joseph Buttigieg, Joseph Buttigieg, Romeo Caligari, Anthony Calleja, Paul Calleja, Paul Calleja, Victor Calleja, Alfrida Callus, Anthony Camileri, Charlie Camilleri, Carmel Camilleri, Carmelo Camilleri, Carmelo Camilleri, Emanuel Camilleri, Joseph Camilleri, Joseph Camilleri, Joseph Camilleri, Charles Caruana, Francis Caruana,, George Caruana, Julian Caruana, Lawrence Caruana, Michael Caruana, Nazzareno Caruana, Publius J. Caruana, Vincent Caruana, George Casha, James Casha, Alfred Cassar, Carmel Cassar, Emanuel Cassar, Michael Cassar, Victor Cassar, Emanuel Catania, Ronald Cauchi, Lawrence Ceci, Lawrence Chant, Ray Chappell, Michael Chetcuti, Francis Ciantar, Francis Ciantar, Joseph Ciantar, George Cilia, Alfred Cunningham, Alfred Curmi, Victor Cuschieri, Emanuel Dakin, Michael D'amato, Gaetano Debattista, John Debattista, Alfred Debono, Gaetano Debono, Nicholas Debono, Michael Degiorgio, Charles M Deguara, Anthony Dimech, Francis Farrugia, Lilian Ellul, Stephen Ellul, George Fabri, Emanuel Farrugia, Felix Farrugia, Francis Farrugia, Gaetano Farrugia, John Farrugia, George Faure, George Fenech, Patrick Gabaretta, Lino Gafà, Anthony Galan, Walter Galdies, Alfred Galea, Angelo Galea, Carmel Galea, Carmel Galea, Joseph Galea, Joseph Galea, Joseph Galea, John Galea, Anthony Gambin, Michelina Gatt, Alfred Gauci, Paul Gauci, Robert Gauci, Saviour Gellel, Carmelo Gerada, Joseph Gilford, Ignatius Giusti, Anthony Goodlip, Anthony Grech, Euchar Grech, Charles Grech, Joseph Grech, Saviour Grech, Joseph Grima, Paul Grima, Joseph L. Hancock, Louis Henwood, George Hili, Robert Lanfranco, Joseph Latman, Rosario Lia, Carmel Mallia, Carmel Mallia, George Mallia, Alfred Mamo, Alfred Mangion, Anthony Mansueto, Nazzareno Maurin, George Mercieca, Alfred Micallef, Dominic Micallef, John Micallef, Paul Micallef, Paul Micallef, Anthony Mifsud, Carmel Mifsud, Charles Mifsud, Francis Mifsud, Joseph Mifsud, Tarcisio Mizzi,**

**Patrick Moon, Paul Montanaro, Francis Muscat, Lawrence Muscat, Paul Alfred Muscat, Edgar Pace, George Pace, Hector Pace, Victor Pace, Gaetano Parnis, John Peel, Alfred Preca, George Preca, Francis Psaila, Saviour Richard, John Rizzo, Litterio Runza, Anthony Said, Joseph Saliba, Saviour Samut, Vincent Samuel, Edgar Scerri Taylor, Carmel Schembri, Emanuel Schembri, Joseph Schembri, Joseph Schembri, Paul Schembri, Silvana Schembri, Thomas Schembri, Alfred Sciberras, Anthony Sciberras, Edwin Sciberras, John Sciberras, Vincent Sciberras, Dominic Scicluna, Joseph Seychell, William Sillato, Valerio Simpson, George Sinagra, Emanuel Spiteri, John Spiteri, Louis Spiteri, Mario Spiteri, Saviour Spiteri [g], Francis Stafrace, Anthony Stagno, Walter Steel, Carmelo Stivala, Joseph Stivala, Larence Sultana, Anthony Tabone, Mario Tabone, Innocenzo Tanti, Paul Tanti, Paul Tonna, Alfred Vassallo, Joseph Vassallo, Lawrence Vassallo, Anthony Vella, Carmelo Vella, Emanuel Vella, Frank Vella, Henry Vella, Joe Vella, Joseph Vella, Paul Vella, Edgar Vidal, Thomas White, Edward Xuereb, Alfred Zahra, Robert Gauci, Alfred Zammit, Ammabile Zammit, Carmel Zammit, Carmelo Zammit, Carmel G. Zammit, Charles Zammit, Charles Zammit, John Mary Zammit, Michael J. Zammit, Francis Zarb, Raphael Zerafa, Dominic Grima, Francis Camilleri u Joseph Muscat**

**vs**

**Il-Ministru responsabbli mill-Familja u s-Solidarjetà Soċjali u d-Direttur tas-Sigurtà Soċjali**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza Kostituzzjonali/Konvenzjonali tagħha) fil-15 ta’ Frar 2006. Ir-rikorrenti allegaw ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni kif

ukoll ksur ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll ta’ l-istess Konvenzjoni bazikament minhabba l-fatt li huma, bhala *ex-servicemen* mal-militar ingliz, peress li ghandhom *service pension* ingliza, ma humiex qed jinghataw il-pensjoni kontributorja kollha bhalma qed tinghata lil persuni li m’ghandhiex tali *service pension*. Il-premessi u t-talbiet taghhom gew ben sintetizzati hekk mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata:

“F’din il-kawża r-rikorrenti qegħdin ifittxu rimedju għax qegħdin igħidu illi d-dispożizzjonijiet ta’ l-art. 56 ta’ l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali [Kap. 318] jikser il-jeddijiet fondamentali tagħhom imħarsa taħt l-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“ il-Konvenzjoni” ] u l-art. 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni [“l-Ewwel Protokoll”].

“Ir-rikors li bih inbdew dawn il-proċeduri jgħid illi r-rikorrenti kollha kienu jaħdmu fis-servizz militari ingliż. Fis-sena 1979, mat-tluq tas-servizzi militari ingliżi minn Malta, ir-rikorrenti ngħataw pensjoni, bħal ma ngħataw dawk li kienu rtiraw qabel dik id-data u wkoll dawk li kienu ngħataw il-fakoltà li jkomplu s-servizz pensjonabbli tagħhom barra mill-pajjiż. Din il-pensjoni, li tvarja minn persuna għal oħra skond iż-żmien tas-servizz u l-grad fis-servizz militari, dejjem kienet u għadha titħallas mill-gvern ingliż.

“Matul dan iż-żmien ir-rikorrenti dejjem ħallsu regolarment il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali lill-gvern malti bħal kull impjegat ieħor, u dan jagħtihom jedd għal pensjoni sħiħa meta jagħalqu l-età pensjonabbli. Dan igħodd ukoll għal dawk li nqdew bil-fakoltà li jkomplu s-servizz pensjonabbli tagħhom barra l-pajjiż u matul iż-żmien tas-servizz ħallsu l-kontribuzzjonijiet lill-gvern ingliż bi ftehim mal-gvern malti.

“Meta r-rikorrenti għalqu l-wieħed u sittin (61) sena u għalhekk kellhom il-jedd li jirċievu pensjoni skond il-Kap. 318, il-pensjoni li rċevew ġiet imnaqqsa taħt ir-regola

magħrufa bħala "taż-żewġ terzi" billi mill-pensjoni li kellha tingħatalhom mill-gvern malti tnaqqset is-somma li kienu jirċievu bħala pensjoni mill-gvern ingliż fil-waqt li huma irtiraw mis-servizz militari ingliż, kif irid l-art. 56 tal-Kap. 518 flimkien ma' l-artt. 53 sa 55 u t-Tnax-il Skeda ta' l-istess liġi.

"Dan l-għemil ta' l-intimati, igħidu r-rikorrenti, u s-sitwazzjoni li ħolqot il-liġi kif imfisser fuq, huwa ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti mħarsa taħt il-Konvenzjoni.

"L-art. 14 tal-Konvenzjoni ma jrid illi ssir diskriminazzjoni kontra ħadd fit-tgawdija ta' xi jedd ieħor imħares taħt il-Konvenzjoni. Fil-każ tallum, ir-rikorrenti jgħidu illi nkiser ukoll il-jedd għat-tgawdija tal-beni tagħhom imħares taħt l-art. 1 ta' l-ewwel Protokoll. Hemm għalhekk ksur taż-żewġ artikoli meħuda flimkien għax kien hemm "*a clear inequality of treatment in the enjoyment of the right in question*"[1].

"Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tgħid illi meta gvern jagħmel distinzjoni bejn kategorija u oħra ta' nies, din id-distinzjoni trid issir għal għan leġittimu u raġonevoli. Fil-każ tallum, igħidu r-rikorrenti, id-distinzjoni bejn dawk li jirċievu pensjoni tas-servizz mill-gvern ingliż u dawk li ma kinux f'dak is-servizz ma hijiex waħda leġittima u raġonevoli, u qiegħda ssir diskriminazzjoni għax ir-rikorrenti qegħdin jiġu mċaħħda minn dak li għandhom jedd għalih u minn dak li hu tagħhom għax ħallsu għalih daqs ħaddieħor.

"Kemm dawk li, bħar-rikorrenti, qegħdin jirċievu pensjoni tas-servizz mill-gvern ingliż u kemm dak li ma kinux f'dak is-servizz ħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, iżda waqt li dawn ta' l-aħħar jirċievu pensjoni sħiħa r-rikorrenti qegħdin jirċievu pensjoni mnaqqsa għar-raġuni biss li qegħdin jirċievu minn barra l-pajjiż pensjoni oħra li ħadmu għaliha.

---

1 **Chassagnau u ohrajn kontra Franza**, Q.E.D.B. 1999.

"Għal dawn ir-raġunijiet ir-rikorrenti jgħidu illi l-liġi tagħmel diskriminazzjoni kontra tagħhom bi ksur tal-jeddijiet tagħhom imħarsa taħt l-art. 14 tal-Konvenzjoni. Din is-sitwazzjoni qiegħda toħloq preġudizzju għalihom u għall-familji tagħhom, għax qiegħda titnaqqsilhom il-pensjoni bi ħsara għad-dħul u l-għixien tagħhom. Għalhekk qegħdin jitolbu illi l-qorti, wara li tgħid illi l-art. 56 tal-Kap. 318, meħud ma' l-artt. 53 sa 55 u t-Tnax-il Skeda ta' l-istess liġi, jiksru l-jeddijiet fondamentali tagħhom imħarsa taħt l-art. 14 tal-Konvenzjoni kif marbut ma' l-art 1 ta' l-Ewwel Protokoll, tagħtihom ir-rimedji kollha meħtieġa biex jitħarsu l-jeddijiet fondamentali tagħhom."

**2.** Apparti eccezzjoni preliminari fis-sens li l-Ministru responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta` Socjali ma kienitx il-legittimu kontradittur f'din il-kawza[2], l-intimati bazikament wiegbu li ma kien hemm ebda lezjoni ta' drittijiet fondamentali kif reklamat mir-rikorrenti. L-ewwel Qorti laqghet din l-eccezzjoni u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Kif fissru fir-rikors, ir-rikorrenti jirċievu pensjoni kemm mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kif ukoll mingħand il-gvern ingliż. Għalhekk, igħodd għalihom dak li jgħid l-art. 56 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali:

""56. Meta persuna jkollha dritt għal Pensjoni tas-Servizz li ma tkunx Pensjoni tas-Servizz li ġiet kommutata, f'xi żmien, kollha, kull pensjoni li wieħed jasal għaliha skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 53 sa 55 ta' din it-Taqsima għandha titnaqqas bl-ammont ta' dik il-Pensjoni tas-Servizz.

"Fi kliem ieħor, l-ogħla pensjoni li jitgħu jirċievu hija dik il-pensjoni li kien ikollhom li kieku ma kellhomx ukoll

---

[2] Din l-eccezzjoni ntlaqghet u l-Ministru in kwistjoni gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju b'sentenza preliminari ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Marzu 2005 – fol. 96 tal-atti. Minn dik is-sentenza ma hemmx appell. Ghal xi raguni – probabbilment b'semplici svista – il-kwistjoni tal-posizzjoni ta' l-imsemmija Ministru f'din il-kawza regghet giet deciza fis-sentenza llum appellata. L-appellanti, pero`, kif jidher car mit-talba taghhom ghar-riforma tas-sentenza appellata, mhux qed jappellaw mis-sentenza in kwantu din helset lill-imsemmija Ministru mill-harsien tal-gudizzju.

pensjoni tas-servizz, imnaqqsa b'dik il-pensjoni tas-servizz. Fil-każ tar-rikorrenti, l-ammont li qiegħed jitnaqqsilhom huwa daqskemm kienet il-pensjoni tas-servizz meta l-ewwel bdew jirċievu dik il-pensjoni, u mhux il-pensjoni tas-servizz kif miżjuda minn żmien għal żmien. Dan huwa benefiċċju li jingħata lil min jirċievi pensjoni tas-servizz mingħand il-gvern ingliż u mhux lil min jirċievi xi pensjoni tas-servizz oħra.

"Il-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem, fil-każ ta' Lithgow u oħrajn kontra r-Renju Unit[3], ċitat mir-rikorrenti stess, qalet illi

""177. … … … the Court would recall that Article 14 (art. 14) does not forbid every difference in treatment in the exercise of the rights and freedoms recognised by the Convention (see the "Belgian Linguistic" judgment of 23 July 1968, Series A no. 6, p. 34, para. 10). It safeguards persons (including legal persons) who are "placed in analogous situations" against discriminatory differences of treatment; and, for the purposes of Article 14 (art. 14), a difference of treatment is discriminatory if it "has no objective and reasonable justification", that is, if it does not pursue a "legitimate aim" or if there is not a "reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised"

"Dan ifisser illi, biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-art. 14 tal-Konvenzjoni, il-qorti trid tara jekk:

1. kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni;
2. din id-differenza fi trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah;
3. din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u
4. kienx hemm proporzjonalità bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-

[3] Każ nru 2/1984/74/112-118, maqtugħ fl-14 ta'Gunju 1986.

differenza, jew kienx meħtieġ illi jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan.

"Huwa importanti, għalhekk, illi l-paragun isir bejn persuni li huma "*placed in analogous situations*". Biex isir dan l-eżami, fil-fehma tal-qorti, il-paragun irid isir mhux bejn ir-rikorrenti u pensjonanti li ma għandhomx pensjoni tas-servizz, iżda bejn ir-rikorrenti u persuni oħra li, bħalhom, għandhom pensjoni tas-servizz.

"Jekk hemm differenza bejn il-pensjoni tas-sigurtà soċjali li jirċievu r-rikorrenti u dik li jirċievu dawk il-pensjonanti li ma għandhomx pensjoni tas-servizz, il-ħsieb wara dik id-differenza jkun wieħed leġittimu: il-pensjonanti li ma għandhomx pensjoni oħra ħlief dik tas-sigurtà soċjali jsofru preġudizzju akbar jekk titnaqqsilhom dik il-pensjoni għax ma għandhomx pensjoni oħra biex tagħmel tajjeb għal dak it-tnaqqis u għalhekk hemm raġuni tajba għala lil dawk il-pensjonanti ma titnaqqsilhomx il-pensjoni bħal ma titnaqqas dik ta' dawk li, bħar-rikorrenti, għandhom pensjoni oħra.

"Il-paragun għalhekk għandu jsir ma' dawk li, bħar-rikorrenti, għandhom pensjoni tas-servizz, u, jekk tagħmel dak il-paragun, issib illi jekk hemm differenza dik id-differenza hija favur ir-rikorrenti, mhux kontrihom, għax waqt illi lill-pensjonanti l-oħra jitnaqqsilhom mill-pensjoni tas-sigurtà soċjali daqskemm ikunu, fil-waqt tat-tnaqqis, qegħdin jirċievu mill-pensjoni tas-servizz, lir-rikorrenti jitnaqqsilhom mhux daqskemm ikunu qegħdin jirċievu fil-waqt tat-tnaqqis iżda biss daqskemm kienu qegħdin jirċievu meta bdew jitħallsu l-pensjoni tas-servizz, bla ma tqis ukoll żjidiet li kienu ngħataw f'dik il-pensjoni minn dakinhar sallum.

"Billi din id-differenza ma hijiex ta' preġudizzju għar-rikorrenti, għax biha qegħdin imorru aħjar mhux agħar minn min hu f'pożizzjoni bħal tagħhom, ma jistax jingħad illi kien hemm diskriminazzzjoni kontra tagħhom bi ksur ta' dak li jrid l-art. 14 tal-Konvenzjoni.

"Dwar jekk kienx hemm ksur tal-jedd għat-tgawdija tal-beni taħt l-art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll, il-qorti tosserva illi dak li ntlaqat ma huwiex il-jedd tar-rikorrenti illi jirċievu pensjoni iżda biss il-*quantum* ta' dik il-pensjoni. Dwar dan, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet qalet hekk:

""According to the Convention institutions' case-law, the making of contributions to a pension fund may, in certain circumstances, create a property right and such a right may be affected by the manner in which the fund is distributed (see *Bellet, Huertas and Vialatte v. France* (dec.), nos. 40832/98, 40833/98 and 40906/98, 27 April 1999; and *Skorkiewicz v. Poland* (dec.) no. 39860/98). Moreover, the rights stemming from payment of contributions to social insurance systems are pecuniary rights for the purposes of Article 1 of Protocol No. 1 to the Convention (see *Gaygusuz v. Austria*, judgment of 16 September 1996, *Reports of Judgments and Decisions* 1997, p. 1142, §§ 39-41). However, even assuming that Article 1 of Protocol No. 1 guarantees benefits to persons who have contributed to a social insurance system, it cannot be interpreted as entitling that person to a pension of a particular amount (see *Müller v. Austria*, no. 5849/72, Commission's report of 1 October 1975, Decisions and Reports (D.R.). 3, p. 25; and the above-mentioned *Skorkiewicz v. Poland* decision). An important consideration in the assessment under this provision is whether the applicant's right to derive benefits from the social insurance scheme in question has been infringed in a manner resulting in the impairment of the essence of his pension rights (see *Stanislaw Domalewski v. Poland* (dec.), no. 34610/97, 15 June1999).[4]

"L-aħħar sentenza f'din is-silta turi illi l-fatt illi l-jedd imħares huwa għal pensjoni u mhux għal *quantum* determinat ta' pensjoni ma jfissirx illi l-*quantum* seta' jitnaqqas sakemm isir irrisorju bla ma r-rikorrenti jkollhom rimedju. Fil-każ tallum, iżda, ma ġarax hekk: li ġara hu illi l-*quantum* tnaqqas biss sakemm id-dħul kollu tar-rikorrenti

4 **Ásmundsson kontra l-Islanda**, każ nru 60669/00, maqtugħ fl-14 ta' Settembru 2004.

mill-pensjoni jiġi daqs — jew, għall-inqas, ma jiġix wisq ogħla minn — dak li jirċievu pensjonanti oħra.

“Għalhekk il-qorti ma ssibx illi kien hemm ksur tal-jedd imħares taħt l-art. 1 ta’ l-Ewwel Protokoll. Għal din ir-raġuni wkoll ma jistax jingħad illi saret diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti fit-tgawdija ta’ xi jedd imħares taħt il-Konvenzjoni.

“Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, wara li teħles lill-Ministru responsabbli mill-Familja u s-Solidarjetà Soċjali mill-ħarsien tal-ġudizzju, taqta’ l-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti u tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.”

**<u>L-appell</u>**

**3.** Ir-rikorrenti appellaw minn din is-sentenza b’rikors prezentat quddiem din il-Qorti fit-23 ta’ Frar 2006. Huma ghandhom zewg aggravji li jistghu jigu sintetizzati hekk: fl-ewwel lok huma jilmentaw mill-fatt li meta l-ewwel Qorti giet biex tezamina l-kwistjoni tad-diskriminazzjoni hija qabblet, ossia xebhet, il-posizzjoni taghhom ma dik ta’ nies ohra li wkoll jiehdu pensjoni tas-servizz izda mhux tal-militar ingliz. Huma jikkontendu li x-xebh ghandu jsir ma’ nies li bhalhom hallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali ta’ Malta izda li qed jiehdu l-pensjoni (maltija) kollha kemm hi, mentri huma l-pensjoni maltija qed titnaqqsilhom. Skond l-appellanti, galadarba l-pensjoni tas-servizz taghhom gejja mill-Gvern Ingliz u l-Gvern Malti ma johrogx sold ghaliha, huma qed jigu diskriminati fir-rigward tal-pensjoni maltija. Fit-tieni lok, huma jikkontendu li l-ewwel Qorti applikat hazin il-principju enuncjat mill-Qorti ta’ Strasbourg fis-sentenza ***Asmundsson v. Iceland***, u dan peress li bil-ligi maltija kif tapplika fil-konfront taghhom “…effettivament qed titnehha ghal kollox il-pensjoni illi kull wiehed mill-appellanti nghata mir-Renju Unit fil-mument li huwa rtira…” mis-servizz tar-Regina, fis-sens li l-beneficcju ta’ dik is-*service pension* jigi stultifikat minhabba l-fatt li qed tmur biex taghmel tajjeb ghat-tnaqqis tal-pensjoni Maltija.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**4.** Din il-Qorti, wara li regghet ezaminat l-atti u l-provi kollha, hija tal-fehma li ma tistax tilqa' dana l-appell. Jibda biex jinghad li l-kwistjoni ta' kif *service pension* gejja minn barra teffettwa l-pensjoni tas-sigurta` socjali fil-kuntest tad-drittijiet fondamentali ta' min ikun qed jircievi zewg pensjonijiet giet ikkunsidrata minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza taghha tat-12 ta' Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet ***Avv. Dr Joseph Brincat noe v. Direttur tas-Sigurta` Socjali et***., f'liema kawza gie wkoll allegat ksur tal-Artikolu 14 u ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. F'dik is-sentenza din il-Qorti qalet hekk[5]:
"Fir-rikors promotorju tieghu, l-appellant nomine, allura rikorrent, allega ksur tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni kemm separatament kif ukoll meta abbinati flimkien. Issa, kif gie ritenut diversi drabi mill-Qorti ta' Strasbourg, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma ghandu ebda ezistenza indipendenti minn xi wiehed jew aktar mid-drittijiet sostantivi l-ohra protetti bl-istess Konvenzjoni; minkejja dan, pero`, jista jkun hemm vjolazzjoni ta' dana l-Artikolu 14 minghajr ma jkun hemm ukoll vjolazzjoni ta' artikolu sostantiv iehor. Il-formulazzjoni klassika ta' dan il-principju wiehed isibha fis-sentenza ta' ***Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. U.K.*** [6], fejn inghad hekk:

**"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to 'the enjoyment of the rights and freedoms' safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions -- and to this extent it is autonomous -- , there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter."** [7]

---

[5] Din il-Qorti tosserva li f'dik il-kawza d-disposizzjoni tal-ligi li fuqha l-aktar li strah ir-rikorrent appellant kienet l-Artikolu 47 tal-Kap. 318, mentri fil-kaz odjern l-appellanti, anke quddiem l-ewwel Qorti l-aktar li ghamlu referenza kien ghall-Artikoli 53 sa 56 ta' l-istess Kapitolu. Il-principju fiz-zewg kawzi, pero`, huwa identiku.
[6] Deciza fit-28 ta' Mejju 1985.
[7] A.94, p. 35

“Isegwi, ghalhekk, li jridu jsiru tlett mistoqsijiet, u cioe` (A) jekk pensjoni li ghaliha persuna tkun ikkontribwiet b’pagamenti[8] tammontax ghal “possediment” ghal-finijiet tal-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll, (B) jekk dan id-dritt hux dritt ghal pensjoni f’xi ammont partikolari, u (C) jekk it-twegiba ghall-anqas ghall-mistoqsija (A) hija fl-affermattiv, jekk fil-kaz konkret hemmx diskriminazzjoni bi ksur tal-Artikolu 14, cioe` jekk kienx hemm trattament differenti ta’ persuni “in analogous situations” minghajr ma kien hemm “an objective and reasonable justification” ghal tali trattament differenti[9].

“Din il-Qorti, wara li ezaminat akkuratament diversi sentenzi tal-Qorti ta’ Strasbourg, fosthom ***Szrabjer and Clarke v. U.K.***[10]23/10/1977, ***Domalewsky v. Poland*** 15/6/1999, ***Walden v. Liechtenstein*** 16/3/2000, ***Azinas v. Cyprus*** 20/6/2000, ***Jankovic v. Croatia*** 12/10/2000, ***Hadzic v. Croatia*** 13/9/2001, ***Wessels-Bergervoet v. The Netherlands*** 4/6/2002, ***Willis v. U.K.*** 11/6/2002 u ***Asmundsson v. Iceland*** 12/10/2004 ma tistax hlief tasal ghall-konkluzjoni li t-twegiba ghall-mistoqsija (A) hija fl-affermattiv, izda t-twegiba ghall-mistoqsija (B) hija fin-negattiv meta si tratta ta’ pagamenti maghmula lil, u allura pensjoni percepita minn, “a social security system”. Dan kollu hu riassunt fis-segwenti bran mill-aktar recenti mis-sentenzi hawn fuq imsemmija, ***Asmundsson v. Iceland***, fejn il-Qorti ta’ Strasbourg qalet hekk:

**“The Court reiterates that Article 1 of Protocol No. 1, which guarantees in substance the right of property, comprises three distinct rules (see *James and Others v. the United Kingdom*, judgment of 21 February 1986, Series A no. 98, pp. 29-30, § 37). The first rule, which is expressed in the first sentence of the first paragraph and is of a general nature, lays down the**

---

[8] Ma hemm ebda dritt, garantit bil-Konvenzjoni, ghal pensjoni *ut sic*, cioe` indipendentement minn kontribuzzjonijiet li persuna tkun ghamlet ghal xi fond: *“The Court recalls that although no right to a pension as such is guaranteed by the Convention, the payments of contributions to a social security fund may create a property right protected by Article 1 of Protocol No. 1…”*, **Hadzic v. Croatia** 13/9/2001.
[9] ***Thlimmenos v. Greece*** 6/4/2000, para. 44.
[10] Din kienet decizjoni tal-Kummissjoni.

**principle of peaceful enjoyment of property. The second, in the second sentence of the same paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions. The third, contained in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, among other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The second and third rules, which are concerned with particular instances of interference with the right to the peaceful enjoyment of property, are to be construed in the light of the general principle laid down in the first rule.**

**"According to the Convention institutions' case-law, the making of contributions to a pension fund may, in certain circumstances, create a property right and such a right may be affected by the manner in which the fund is distributed (see *Bellet, Huertas and Vialatte v. France* (dec.), nos. 40832/98, 40833/98 and 40906/98, 27 April 1999, and *Skorkiewicz v. Poland* (dec.), no. 39860/98, 1 June 1999). Moreover, the rights stemming from payment of contributions to social insurance systems are pecuniary rights for the purposes of Article 1 of Protocol No. 1 (see *Gaygusuz v. Austria*, judgment of 16 September 1996, *Reports of Judgments and Decisions* 1996-IV, p. 1142, §§ 39-41). However, even assuming that Article 1 of Protocol No. 1 guarantees benefits to persons who have contributed to a social insurance system, <u>it cannot be interpreted as entitling that person to a pension of a particular amount</u> (see *Müller v. Austria*, no. 5849/72, Commission's report of 1 October 1975, Decisions and Reports 3, p. 25, and *Skorkiewicz*, cited above). An important consideration in the assessment under this provision is whether the applicant's right to derive benefits from the social insurance scheme in question has been infringed <u>in a manner resulting in the impairment of the essence of his pension rights</u> (see *Domalewski v. Poland* (dec.), no. 34610/97, ECHR 1999-V)."** (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` l-Qorti Kostituzzjonali).

"Fi kliem iehor, ghalkemm, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-fatt li wiehed ikun ikkontribwixxa ghax hallas "il-bolla" tas-sigurta` socjali, johloq "a property right" li jista' jkun protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, meta si tratta ta' skema imhaddma mill-iStat fl-ambitu tas-sigurta` socjali wiehed ma jistax jitkellem dwar dritt ghal xi ammont partikolari ta' pensjoni[11]. Sakemm dak li jkun sar ma jkunx jammonta ghal negazzjoni totali tad-dritt ghall-pensjoni (jew, bhalma kien f'diversi mill-kazijiet hawn aktar 'l fuq citati, negazzjoni totali ghal xi beneficcju ta' natura pekunjarja iehor), wiehed ma jistax jitkellem dwar ksur tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll. Fil-kaz in dizamina, id-disposizzjoni tal-ligi li qed tigi attakkata – l-Artikolu 47 tal-Kap. 318, abbinat, s'intendi ma' disposizzjonijiet ohra tal-istess ligi – tipprovdi li meta persuna jkollha "service pension" minghand l-*ex-employer* taghha, il-pensjoni tas-sigurta` socjali titnaqqas bid-differenza ta' dak li dik il-persuna tkun qed tippercepixxi mill-pensjoni privata. Pero` qatt ma tigi negata ghal kollox il-pensjoni tas-sigurta` socjali. Kif fisser Adrian Attard quddiem l-ewwel Qorti ….. : *"S'intendi ir-*retirement pension *hemm* flat rate *li inqas minn daqshekk ma tistax tiehu. Awtomatikament ir-rata li tohrog tas-Sigurta` Socjali* plus *il-pensjoni li jkun qed jircievi minghand l-imghallem tieghu, flimkien, iridu jgibu daqs jew ftit izjed miz-zewg terzi tad-dhul pensjonabbli li semmejt."* Ghalhekk, fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad li hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Anqas ma jista' jinghad li hemm xi nuqqas ta' proporzjonalita`, kif allegat fit-tielet aggravju ta' l-appellant. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, hawn si tratta ta' mizura bbazata fuq solidarjeta` socjali intiza biex, safejn hu possibbli, il-gid jitqassam ma', u jitwassal lil, kulhadd. Kif tosserva Karen Reid (ara *nota in calce* nru 11): *"A wide margin applies however to States in regulating their social policy. This can include measures*

[11] *"Where a person has contributed to a pension fund, this could, according to the Commission, in certain circumstances create a property right in a portion of such a fund and a modification of the pension rights under such a system could in principle raise an issue under Art. 1 of Protocol No. 1. Where the payments are to a social security system, even assuming that this gives rise to a right to derive a benefit from the system, it cannot be interpreted as entitling that person to a pension of a particular amount."*: Reid K., **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights** Sweet & Maxwell (London) 2004, p. 410, para. IIB-284.

*reducing pensions in pursuit of social justice or re-integration into the general system of previously privileged groups."* [12]

**5.** Anke f'din il-kawza, kuntrarjament ghal dak li qed jikkontendu l-appellanti, ma hemmx xi deprivazzjoni totali mid-dritt tal-pensjoni maltija. Din semplicement qed tigi ridotta, u tali riduzzjoni ma tammontax ghal ksur tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll. Kif fisser ix-xhud Edward Gatt fl-affidavit tieghu a fol. 110:

**"…fl-1979 giet introdotta skema gdida maghrufa bhala l-iskema taz-zewg terzi. Fil-kaz ta' din l-iskema tithallas pensjoni ekwivalenti ghaz-zewg terzi tad-dhul pensjonabbli li minnha titnaqqas il-pensjoni tas-servizz izda l-ligi tipprovdi li fejn wara li jsir dan it-tnaqqis l-ammont tal-pensjoni jkun anqas mir-rata bazika ghandha dejjem tibqa' tithallas ir-rata bazika tal-pensjonant…l-iskop wara l-introduzzjoni ta' din l-iskema kienet li dak iz-zmien irrizulta li aktar minn 66% tal-haddiema ma kellhomx hlief il-pensjoni bazika b'rata fissa tas-Sigurta` Socjali. Bl-introduzzjoni ta' din l-iskema l-legislatur ried jassigura li tinholoq skema ta' pensjoni b'rata ferm oghla minn dik li kienet tithallas b'rata fissa. Fl-istess waqt ried jassigura l-principju ta' solidarjeta` billi ntroduca l-kuncett li fejn minbarra l-pensjoni tas-Sigurta` Socjali hemm pensjoni tas-Servizz li tithallas separatament, din ta' l-ahhar kellha tittiehed in konsiderazzjoni meta jigi stabbilit il-*quantum* tal-pensjoni tas-Sigurta` Socjali,"**

Fl-istess affidavit tieghu, l-imsemmi Gatt ikompli jfisser kif addirittura dawk li ghandhom pensjoni tas-servizzi inglizi ghandhom <u>aktar</u> beneficcju minn min ghandu xi tip ta' *service pension* ohra (ara fol. 111; ara wkoll id-deposizzjoni ta' l-istess Gatt a fol. 126 *et seq.* u b'mod partikolari fol. 129 sa 132). Ghalhekk ukoll difficilment wiehed jifhem kif jistghu l-appellanti jirreklamaw l-i*status* ta' "victim" ghall-finijiet tal-allegat ksur tal-Artikolu 14.

---

[12] Op.cit. p. 412, para. IIB-285.

**6.** Kif gustament osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, biex jista' jinghad li hemm "diskriminazzjoni" vjetata skond l-Artikolu 14, wiehed irid iqabbel lill-appellanti ma' nies f'sitwazzjoni analoga. Huma qed jghidu li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta qabblet lilhom ma' pensjonanti ohra li ghandhom pensjoni tas-servizz, u li minflok messha qabblithom ma' pensjonanti li ma ghandhomx pensjoni tas-servizz u li ghalhekk (dawn) il-pensjoni tas-sigurta` socjali jiehduha fl-intier taghha. Issa, apparti dak li diga` nghad li, fil-kuntest tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, wiehed ma jistax jitkellem dwar dritt ghal xi ammont partikolari ta' pensjoni meta si tratta ta' skema mhaddma mill-iStat fl-ambitu tas-sigurta` socjali, anke jekk wiehed kellu jaghmel dak li qed jippretendu l-appellanti w allura jqabbel lill-istess appellanti ma' dawk il-pensjonanti li, minhabba li ma ghandhomx *service pension* il-pensjoni tas-sigurta` socjali jiehduha kollha, xorta wahda din il-Qorti tara li wiehed ma jistax jitkellem dwar diskriminazzjoni bi ksur ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Fil-fehma tal-Qorti it-trattament differenti moghti lil dawn iz-zewg kategoriji ghandu ghan legittimu – li l-mezzi ta' l-iStat Malti jkunu jistghu ilahhqu, fuq il-bazi tas-solidarjeta` socjali, ghall-bzonnijiet ta' kulhadd – u din il-Qorti ma tirraviza ebda sproporzjon bejn id-differenza fit-trattament u l-ghan li jrid jintlahaq permezz ta' dak it-trattament differenti. Ghalhekk ma hemm ebda diskriminazzjoni vjetata skond l-imsemmi Artikolu 14.

**Decide**

**7.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez jithallsu mill-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------